**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**

**IMHALLEF:**

**ONOR. DR. GINO CAMILLERI,LL.D.**

**SEDUTA Tat-2 ta' Novembru, 2001.**

**KAWZA NRU. 4**

**Citazzjoni numru 318/00**

**Mark Grima et.**

**Vs.**

**Tony Roberts**

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni li biha l-atturi wara li ippremettew::-

Illi l-konvenut xtara u akkwista minghand l-atturi kwantita ta' 'catering equipment', ghamara u 'furnishings' ta' restaurant;

Illi l-konvenut ghad baqghalu jhallas lill-atturi is-somma bilancjali ta' elfejn erbgha mija u sittin lira Maltija (Lm2460);

Illi din is-somma hija certa, likwida u dovuta;

Talbu ghalhekk lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandiex din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija;-

1. Taqta u tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-artikolu l67 et sequens tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi is-somma ta' elfejn erbgha mija u sittin lira Maltija (Lm2460) bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-konsenja tal-oggetti fuq imsemmija sal-pagament effettiv.

Bl-ispoejjes kontra il-konvenut li gie ingunt biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur Simon Grima u n-nota tax-xhieda tal-atturi;

Rat li ic-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u naqas li jidher ghas-smiegh tal-kawza u hekk baqa' kontumaci;

Ikkonsidrat il-provi prodotti mill-atturi;

Semghet lill-Avukat tal-atturi;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba attrici tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa it-talba attrici bl-imghaxijiet kif mitluba u bl-ispejjes kontra il-konvenut.

Imhallef

Dep. Registratur